MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 549/2002/1

**Melbourne Garage Co. Ltd.
Vs
Lawrence Montebello A & C.E.**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba tas-socjeta attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' somma ta' elf tlett mija sebgha u tmenin lira Maltin u disgha u disghin centemzu (Lm1387.99c) elf u tlett mija u sebgha u tmenin lira Maltin u disgha u disghin centezmi rappresentanti xoghol ta' zmantlar u ristorazzjoni, "spray painting" u bejgh ta' "spare parts", fuq karozza ta' tip "JAGUAR", u dan fuq inkarigu tal-konvenut, liema somma hija dovuta:

(a) kwantu ghal Lm1380.00c skond fattura numru 1014 datata 10 ta' Marzu, 2000, u

(b) kwantu ghal Lm 7.99c skond fattura numru 1015 datata wkoll 10 ta' Marzu 2000 u dan kollu kif jidher minn

kopji ta’ l-istess fatturi hawn annessi u mmarkati rispettivament dok. “A” u “B”.

Bl-ispejjes ta’ l-presenti, ta’ l-ittra interpellatorja datata 25 ta’ Settembru 2000 (kopja dok. “C”) u ta’ l-ittra ufficjali datata 24 ta’ April, 2001 debitament notifikata lill-konvenut fid- 29 ta’ April, 2001 (kopja dok. “D”), flimkien ma’ l-imghaxijiet, mid-data ta’ hrug ta’ l-fatturi sad-data ta’ l-pagament effettiv, ilkoll kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn ecepixxa illi preliminarjament it-talba tas-socjeta attrici hija preskritta bid-dekors ta’ tmintax-il xahar ai terminini ta’l-Artikolu 2148 (a) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi ndipendentement minn u bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, fi kwalunwke kaz ebda ammont ma huwa dovut mill-konvenut lis-socjeta’ attrici.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema x-xhieda w ezamina d-dokumenti

Ikkonsidera

Illi l-l-ezitu tal-kawza huwa koncentrat fuq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni moghtija mill-konvenut kontra t-talbiet attrici.

L-istitut tal-preskrizzjoni huwa sodat fuq l-inattivita’ tal-kreditur. Il-ligi stess tipprovdi rimedju ghalih – att gjudizzjarju, pagament akkont, ammissjoni – dawn kollha jikkumbattuh. Hemm kazijiet fejn din ma tiddekorri jew tigi sospiza – mhux il-kaz odjern pero'.

It-Tribunal ma jistax ma jikkumplimentax lil abili konsulenti legali rispettivi tal-partijiet ghal mod kif ittrattaw il-kaz u ssottomettew in-noti ta’ osservazzjonijiet bir-referenzi bl-aktar mod vast u erudit.

Illi huwa pacifiku fil-gurisprudenza nostrali li l-ahhar arma li ghandhu kreditur kontra d-debitur tieghu huwa l-

gurament decisorio ai termini tal-Art.2160 tal-Kap. 16 fejn id-debitur bil-gurament tieghu jew jistqarr li mhux debitur jew li ma jiftakarx li l-haga thallset. Piu di cosi, il-kreditur ma jistax imur. Wiehed jifhem li kreditur jaghti l-gurament lid-debitur tieghu meta ma jkunx jista jipprova l-interruzjoni tal-istess preskrizzjoni bil-mod li trid il-ligi kif gja enuncjat aktar il-fuq. F'dan is-sens, it-Tribunal jaghmel riferenza ghas-sentenzi "F.M. Caruana u F. Sant Cassia (21/10/40) Iny Angus vs Jos. Calleja" (15/02/58) u CGMO vs Giorgia Muscat (App. Inf. 8/03/78) V.Vella vs C Sciberras (PA 16/01/63). Minn dawn is-sentenzi u sentenzi ohra jispikkaw certi principji li jkun sew li jigu ripetuti.

1. il-gurament lid-debitur jinghata fuq talba tal-kreditur stess, u mhux de proprio.
2. huwa mezz kif l-kreditur jipprova jikkunbatti l-eccezzjoni tal-konvenut.
3. il-gurament tad-debitur, meta jigi mitlub mill-kreditur, ghandhu fin-natura li jaghlaq l-argument b'mod definittiv.

Illi mill-provi prodotti mis-socjeta' attrici, ma jirrizultax li interrompiet il-preskrizzjoni li ddekorra bil-mezzi suessposti. Il-gurament tad-debitur kompla kkonferma l-posizzjoni tal-kreditur.

Jiddeciedi billi fil-waqt li jilqa l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni skond l-Art. 2148 (a) tal-Kap. 16, jichad it-talbiet attrici bl-ispejjes.

--------------------------------TMIEM--------------------------------